MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1657/1994/2

**Anthony Chircop u martu Annie Chircop.**

**vs.**

**John Attard u martu Margaret Attard u b'digriet ta' l-1 ta' Frar 2005 Dr. Anthony Cutajar u P.L. Louisa Tufigno gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-mejjet konvenut John Attard li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Dicembru 1994 a fol. 1 tal-processipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma s-sidien tal-fond “Villino Chircop" Triq l-Kukkanja, Santa Venera filwaqt li l-konvenut huwa propjetarju tal-fond attigwu numru 7, Triq il-Kukkanja, Santa Venera.

Illi fuq il-bejt ta’ l-atturi l-konvenut ghadda *wires*/ventijiet ghall-*aerial* tat-*television* tieghu u ghadda kanen ta’ l-ilma u *inoltre* ghadda *wires/cables* fuq il-wicc tal-hajt divizorju u anke qieghed tank ta’ l-ilma li parti minnu qieghed fuq il-hajt divizorju.

Illi l-konvenut interpellat sabiex inehhi l-istess baqa' inadempjenti.

Illi i*noltre* l-konvenut irrenda komuna parti mill-hajt divizorju li kien gie kostruwit mill-atturi izda meta gie mitlub biex jikkompensa lill-atturi l-ammont ta’ LM50.79 ghall-istess baqa' inadempjenti.

Illi l-hitan divizorji fuq l-livell tal-bejt m'humiex fil-gholi stipulat fil-ligi.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundannhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jnehhu mill-arja u propjeta` ta’ l-attur *wires*/ventijiet ghall-*aerial* tat-*television* u l-kanen ta’ l-ilma kif wkoll jnehhi minn fuq il-hajt divizorju t-tank ta’ l-ilma kif wkoll il-*wires* u *cables* li ghaddejjin minn fuqu u fin-nuqqas tawtorizza lill-attur li jaghamel l-istess ghas-spejjes ta’ l-istess konvenut u dan taht id-direzzjoni ta’ periti nominandi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ LM50.79 rapprezentanti kumpens talli rrenda komuni parti mill-hajt divizorju ghar-ragunijiet premessi.

3. Tawtorizza lill-atturi li jghollu l-hitan li jiddividu l-propjeta` ta’ l-atturi u dik tal-konvenut jigu mibnijin sal-gholi stipulat fil-ligi u dan ghas-spejjes ugwali taz-zewg kontendenti u dan taht opra ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur *et* u l-lista tax-xhieda a fol. 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Attard datata 16 ta’ Novembru 1995 a fol 9 sa 13 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi c-citazzjoni numru wiehed-sitta-hamsa-sebgha-zbarra-disgha-erbgha (1657/94) hija nulla billi skond il-ligi kellhom jigu mharka l-konjugi Attard, u cioe’ l-konvenut John u martu ta’ nazzjonalita` Ingliza Margaret, konjugi Attard, u dan *stante* illi dawn ilhom issa mizzewgin flimkien ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, billi z-zwieg li kienu mdahhlin fih qabel, min-naha tal-mara ta’ John Attard, Margaret, din romlot, u min-naha ta' John Attard huwa formalment iddivorzja lil Rose Attard u ghalhekk John u Margaret Attard ilhom mizzewgin flimkien ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin u kwindi c-citazzjoni kellha tigi entavolata kontra John u Margaret, konjugi Attard, waqt li Anthony Chircop, da parti tieghu, huwa wkoll ragel mizzewweg, u ghalhekk ic-citazzjoni kellu, fid-dawl ta' l-emendi ghall-Kodidi Civili tal-Ligijiet ta' Malta li bdew isehhu mill-1 ta' Dicembru 1993, jintavola din ic-citazzjoni l-attur u l-mara tieghu, u *stante* li dan ma sarx, ghaldaqstant din ic-citazzjoni hija nulla.

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, din ic-citazzjoni hija nulla, peress illi hawn konfuzzjoni fit-talbiet attrici, fis-sens li l-ewwel talba tirrigwardja arja u proprjeta` ta' l-attur *vis-a-vis* il-*wires*/ventijiet ghall-*arial* tat-*television* u l-kanenn ta' l-ilma kif ukoll it-tank ta' l-lima u l-*wires* u l-*cables* allegatament ghaddejjin minn fuq il-hajt divizorju ta' l-istess attur, u din l-ewwel talba diga` fiha nnifisha fiha hafna aspetti illi jirrigwardjaw merti u provi differenti u

kwindi, anke bil-mod li saret l-ewwel talba ta' l-attur, din fiha nnfisha hija nulla; kif ukoll l-istess dwar it-tieni talba li tirrigwardja somma ta' hamsin lira u disgha u sebghin centetmu (Lm50.79,0) li f'kull kaz din hija kawza illi kellha ssir indipendentament quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) billi l-mertu taghha jirrispetta I-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati; u kwantu ghat-tielet talba fejn l-attur qed jitlob Ii jithalla jgholli l-hitan Ii jiddividi l-proprjeta` ta' l-attur u dik tal-konvenut, din ukoll tispetta l-mertu ta' kawza ohra, u ghaldaqstant jidher ovvju illi fl-intavolar ta' din ic-citazzjoni, l-attur lanqas hu stess ma kien jaf fuq xiex kellu jibbaza l-kawza tieghu mal-konvenut u *stante* l-konfuzjoni rigward il-mertu ta' dawn it-tliet talbiet attrici, dawn imorru kontra l-mod kif ghandha tigi pprezentata citazzjoni skond il-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghaldaqstant tali citazzjoni hija nulla.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari fuq indikati, din il-kawza saret minhabba illi l-attur qieghed jippika mal-konvenut fuq bazi personali minhabba li dawn huma girien, u minhabba xi incidenti li nholqu bejniethom recentament ipprovokati mill-attur, u li spiccaw quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghaliex il-konvenut mar tajjeb fihom, l-attur mill-ewwel intavola din il-kawza, u dan jirrizulta car billi ftit qabel is-16 ta' Dicembru 1994, il-konvenut kien gie mharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-kawza nstemghet f'Awla numru 11 nhar il-21 ta' Dicembru 1994, u fejn il-konvenut mar, kif intqal, tajjeb fiha, filwaqt illi kawza simili kontra r-ragel tat-tifla ta' l-attur, ghadha, fil-mument li qed tigi pprezentata din in-Nota ta' l-eccezzjonijiet, pendenti u tinsab differita ghall-15 ta' Frar 1995, u minhabba din il-pika, l-attur intavola din il-kawza konfuza kontra l-konvenut li qed jecepixxi, ghaldaqstant, in-nullita’ tac-citazzjoni odjerna.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminarji ssollevati mill-konvenut, huwa minnu li l-attur u l-mara tieghu huma s-sidien tal-fond "Villino Chircop" fit-Triq il-Kukkanja, gewwa Santa Venera, filwaqt li l-konvenut personalment, huwa l-proprjetarju tal-fond

attigwu numru 7, Triq il-Kukkanja, Santa Venera, fond illi kif jidher mid-dikjarazzjoni guramentata ma' din in-Nota ta' l-eccezzjonijiet, huwa akkwista madwar ghoxrin (20) sena ilu, meta kien ghadu mizzewweg lill-ewwel mara tieghu, u f'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, l-attur zgur illi fid-dawl ta' l-emendi ghall-Kodici Civili l-attur ma setax jintavola c-citazzjoni wahdu imma flimkien u konguntivament mal-mara tieghu.

5. Illi rigward il-premessa ta' l-attur li l-konvenut ghadda *wires* / ventijiet ghall-*arial* tat-*television* tieghu, il-konvenut jichad kategorikament li huwa ghamel dan, kif jichad li huwa ghadda xi kanenn ta' l-ilma jew *wires/cables* fuq il-wicc tal-hajt divizorju, u jichad ukoll li qieghed xi tank ta' l-ilma li parti minnu qieghda fuq il-hajt divizorju, u ghalhekk m'hu minnu xejn dak li qieghed jallega l-attur fit-tieni premessa tieghu, apparti l-konfuzjoni fid-direzzjoni li huwa qed jipprova jindirizza lill-Qorti ghaliha imma fil-fatt hemm hafna merti li m'humiex relatati ma' xulxin.

6. Illi dejjem minghajr pregudizzju, rigward it-tielet premessa, l-konvenut m'ghandu xi jnehhi xejn kif qed jallega l-attur u rigward ir-raba' premessa, din zgur m'hix ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, kjarament qed jissemma' kumpens allegatament dovut lill-attur ta' hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm50.79,0) u dan zgur m'huwiex mertu ta' din l-Onorabbli Qorti, apparti mill-fatt kif ga ntqal l-attur qieghed ihawwad fit-talbiet li huwa qieghed jitlob lil din il-Qorti u li bil-mod ta' kif qed isiru jmorru ghad-dirittura kontra l-format ta' kif tigi pprezentata citazzjoni skond il-Kodici t' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

7. Illi rigward il-hames premessa, din wkoll tispetta mertu ta' kawza separata, billi hawn *si tratta* dwar hitan divizorji fuq il-livell tal-bejt li m'humiex fl-gholi stipulat mill-ligi dejjem skond l-attur, u *stante* li f'kull kaz din titlob li jigi nominat perit halli jmur jaccedi u jirrelata fuq dak li jsib fl-access fuq is-sit u msemmi mill-attur, zgur li dan kellu jkun mertu ta' kawza separata u mhux imhalta ma' talbiet ohra li m'ghandhom assolutament x'jaqsmu xejn, u kollu

jimporta n-nullita` ta' din ic-citazzjoni bil-mod kif gew intavolati t-talbiet attrici.
8. Illi ghaldaqstant il-konvenut filwaqt illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminarji tieghu jinsisti fuq in-nullita ta' din ic-citazzjoni, jirrespingi l-allegazzjonijiet kollha kontra tieghu maghmula mill-attur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u jitlob li jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur u jitlob lil din il-Qorti li tiehu l-passi kollha mehtiega biex dawn it-tip ta' kawzi bbazati iktar fuq pika milli fuq kwistjoni iktar serja bejn il-kontendenti jigu totalment eliminati mill-mentalita` tal-poplu Malti u Ghawdxi, billi f'kull kaz l-affarijiet kollha indikati mill-attur ilhom hemm ghal bosta snin uhud minnhom ghal iktar minn kwazi tletin (30) sena. Dan juri b'liema mod pikuz u ghall-ebda raguni legalment fondata saret din il-kawza.

9. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut John Attard a fol 14 sa 19 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Anthony Chircop epprezentat fis-17 ta’ Marzu 1995 a fol 21 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tikkjama fil-kawza bhala attrici lill-imsemmija Annie Chircop taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni. Il-Qorti kif diversament presjeduta rat l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**; rat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u cahdet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-23 ta’ Marzu 1995.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta tat-3 ta’ April 1995 (fol. 23) fejn minhabba indispozizzjoni ta’ l-Imhallef, il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Mejju 1995.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk diversament presjeduta tat-2 ta’ Mejju 1995 a fol 24 fejn deher l-attur assistit minn Dr. Peter Borg Costanzi. Dr Emmy Bezzina issejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx u l-kawza giet differita ghas-26 ta’ Gunju 1995 ghat-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tan-nullita`; tas-26 ta’ Gunju 1995 fejn deher l-attur assistit minn Dr. Peter Borg

Costanzi u l-konvenut sprovist mill-avukat. Dr Emmy Bezzina issejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Dr. Peter Borg Costanzi talab il-fakolta` li jaghmel nota dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Inghata digriet fejn il-Qorti laqghet it-talba u tat il-fakolta` lid-difensur ta’ l-attur li jipprezenta nota t’osservazzjonijiet sat-30 ta’ Lulju 1995 bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti li jkollu sat-30 ta’ Awissu 1995 ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Frar 1996 ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturipprezentata fir-Registru Superjuri fit-28 ta’ Gunju 1995 a fol 27 u 28 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut John Attard ipprezentata fir-Registru Superjuri fit-18 ta’ Lulju 1995 u tinsab minn fol 31 sa fol 39 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet responsiva ta’ l-attur datata fit-2 ta’ Awissu 1995 a fol 41.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tad-9 ta’ Frar 1996 (fol 42) fejn deher l-attur assistit minn Dr. Peter Borg Costanzi. Il-konvenut u Dr Emmy Bezzina ssejhu tliet darbiet baqghu ma dehrux. Il-kawza giet deciza *in parte* fejn il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri cahdet l-ewwel eccezzjoni tan-nullita’ sollevata mill-konvenut; bl-ispejjez kontra tieghu. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Marzu 1996 ghall-kontinwazzjoni.

Rat id-decizjoni fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri datata 9 ta’ Frar 1996 a fol. 43 tal-process fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni ta’ nullita tal-konvenut.

Rat ir-rikors ta’ Anthony Chircop datat 19 ta’ Frar 1996 a fol. 47 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizza korrezzjoni fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa maghha billi:-

1. Fl-okkju tal-kawza wara isem Anthony Chircop jidhol isem martu u cjoe` jidhlu l-kliem “martu Annie Chircop”; u

2. Fil-korp tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni maghha annessa l-kelma “attur” tigi sostitwita bil-kelma “atturi” kull fejn tirrikorri.

3. Fl-ewwel paragrafu tac-citazzjoni u kif ukoll tad-dikjarazzjoni l-kliem “huwa is-sid” jigu sostitwiti bil-kliem “huma s-sidien”

4. Fit-tielet talba l-kelma “jgholli” tigi sostitwita bil-kelma “jghollu”.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-22 ta’ Marzu 1996 a fol 48 tal-process fejn deher l-attur assitit minn Dr. Peter Borg Costanzi u l-konvenut assistit minn Dr Emmy Bezzina li ddikjara li ma jopponix ghall-korrezzjonijiet mitluba mill-attur. Dr. Peter Borg Costanzi talab illi fl-okkju tad-dikjarazzjoni ta’ l-attur tizdied il-kelma *“et”*. Dr Bezzina ma opponix. Inghata digriet fejn il-Qorti pprovdiet fuq ir-rikors ta’ l-attur tad-19 ta’ Frar 1996 u fuq talba ta’ l-attur tal-lum, billi laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba. Dr Bezzina, ghall-konvenut, talab il-korrezzjoni fic-citazzjoni billi fl-okkju jizdiedu l-kliem “u martu Margaret Attard” u fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni billi fl-okkju wara l-kunjom Attard kull fejn jirrikorri tizdied il-kelma “*et*”. Dr. Peter Borg Costanzi ma opponiex u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet mitluba. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Gunju 1996 ghall-provi kollha tal-partijiet bil-procedura ta’ l-affidavit.

Rat in-nota ta’ l-attur **Anthony Chircop** ipprezentata fit-22 ta’ Mejju 1996 a fol 50 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu ta’ l-istess data (fol.51 sa 55), skizz a fol. 59 u sitt ritratti indikati bhala Dok. “R2” sa Dok. “R 8” kollox kif jidher minn fol 55 sa 58.

Rat in-nota tal-konvenuti John u Margaret konjugi Attard ipprezentata fid-29 ta’ Mejju 1996 a fol 61.

Rat in-nota tal-konvenut John Attardipprezentata ukoll fid-29 ta’ Mejju 1996 (fol 63) li permezz taghha pprezenta l-affidavit tal-mara tieghu **Margaret Attard** kif jidher a fol 65 sa fol 67.

Rat in-nota tal-**konvenut John Attard** ipprezentata fil-11 ta’ Gunju 1996 (fol 69) li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess (fol 71 sa 103).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tat-12 ta’ Gunju 1996 a fol 104 tal-process fejn deher l-attur sprovist mill-Avukat u l-konvenut assistit minn Dr Emmy Bezzina. Dr. Peter Borg Costanzi issejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Dr Bezzina ddikjara li hu fadallu zewg xhieda ndikati Edward Vassallo u Robert Scott u talab lill-Qorti biex tinnomina Assistent Gudizzjarju biex ix-xhieda taghhom issir bl-affidavit quddiemu. Inghata digriet fejn il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Sandra Caruana biex l-affidavit ta’ dawn ix-xhieda isiru quddiema bil-mod kif tipprovdi l-ligi. Il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Novembru 1996 ghal dawn il-provi.

Rat in-nota ta’ l-attur datata is-27 ta’ Gunju 1996 (fol 105) li permezz taghha irriserva l-kontro-ezami tal-konvenut.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-13 ta’ Novembru 1996 a fol 106 fejn dehru l-atturi assistiti minn Dr. Peter Borg Costanzi. Dr Emmy Bezzina issejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Il-Qorti giet infurmata illi Dr Sandra Caruana ma kellhiex il-kariga ta’ Assistent Gudizzjarju u ghalhekk irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-12 ta’ Gunju 1996 in kwantu ghan-nomina taghha u nnominat minflok lill-Assistent Gudizzjarju Dr Emnauel Buttigieg sabiex l-affidavit tax-xhieda tal-konvenuti cioe` Edward Vassallo u Robert Scott isiru quddiemu bil-mod kif tipprovdi il-ligi. Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ April 1997 ghall-ahhar darba, ghal dan l-iskop u ghall-kontro-ezami tal-konvenuti; tat-18 ta’ April 1997 (fol 110) fejn deher l-attur assistit minn Dr. Peter

Borg Costanzi. Deher ukoll l-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg u nforma lill-Qorti illi ghandu seduta ffissata ghall-24 ta’ April 1997 sabiex jinstemghu x-xhieda Edward Vassallo u Robert Scott. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ Novembru 1997.

Rat l-affidavits ta’ **Edward Vassallo** datat 24 ta’ April 1997 (fol 113 u 114) u **Robert Scott** datat 27 ta’ Mejju 1997 (fol 115 sa 117) migbura fis-seduta tal-24 ta’ April 1997 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tal-21 ta’ Novembru 1997 a fol. 124 fejn dehru l-atturi assistiti minn Dr. Peter Borg Costanzi u Dr Emmy Bezzina. Id-deputat ta’ l-Awla nforma lill-Qorti illi l-konvenuta halliet certifikat mediku mieghu u l-Qorti ikkonstatat illi dan ic-certifiakt jghid illi l-konvenut jinsab rikoverat l-isptar u li d-data meta huwa jkun jista’ johrog ghadha s’issa mhix maghrufa. Dr Bezzina, *in vista* ta’ dan ic-certifikat, talab differiment. Dr. Peter Borg Costanzi ma opponiex ghat-talba ta’ differiment u talab in-nomina ta’ Assistent Gudizzjarju biex ikun jista’ jaghmel il-kontro-ezami tal-konvenuti u lix-xhud Robert Scott. Dr Bezzina ma opponiex u l-Qorti tat digriet fejn laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghal dan l-iskop u ghall-kontinwazzjoni ghas-16 ta’ Marzu 1998; tas-16 ta’ Marzu 1998 fejn deher l-attur u d-difensur tieghu u deher ukoll il-konvenut. Dr. Peter Borg Costanzi ilmenta illi l-Assistent Gudizzjarju qed isib diffikulta` biex jiffissa seduti. Dr Emmy Bezzina u Dr Emanuel Buttigieg baqghu ma dehrux u l-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher biss il-konvenut. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex izomm zewg seduti wahda fid-19 ta’ Mejju 1998 u l-ohra fil-21 ta’ Mejju 1998 sabiex isiru l-kontro-ezamijiet. Il-kawza giet differita ghad-19 ta’ Gunju 1998 ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg fid-19 ta’ Mejju 1998 fejn xehed il-konvenut **John Attard** (fol 131 sa 151) in

kontro-ezami; tal-21 ta’ Mejju 1998 u tat-18 ta’ Gunju 1998 fejn ma sar xejn.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-19 ta’ Gunju 1998 (fol 152); tad-9 ta’ Dicembru 1998; u tal-5 ta’ Mejju 1999 fejn dehru l-biss l-atturi assistiti minn Dr. Peter Borg Costanzi. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa seduta/seduti f’din il-kawza u jibqa’ sejjer jiffissa seduti sakemm il-partijiet ikunu ezawrew il-provi taghhom. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Novembru 1999 ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G Camilleri tad-22 ta’ Novembru 1999 (157) fejn dehru l-atturi u l-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg. Dr Buttigieg informa lill-Qorti illi ghandu seduta illum. Il-kawza giet differita ghad-29 ta’ Marzu 2000 ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg tat-22 ta’ Novembru 1999 (fol 158) fejn ma sar xejn.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-29 ta’ Marzu 2000 fejn deher biss l-Assistent Gudizzjarju Dr Emanuel Buttigieg li nforma lill-Qorti illi kull ma fadal isir f’din il-kawza huwa l-kontro-ezami tal-konvenuta. Il-Qorti, wara li rat ghall-ewwel darba l-affidavit tal-konvenuta a fol 65, u wara li rat l-**artikolu 21 (3) tal-Kap 12** ordnat lill-konvenuti sabiex jipprezentaw traduzzjoni ta’ l-istess affidavit sas-seduta li jmiss b’dan li din it-traduzzjoni jkollha maghha nota guramentata mill-persuna li tkun ghamlet it-traduzzjoni fis-sens illi huwa qeda fedelment u onestament l-inkarigu tieghu ta’ traduttur. Il-Qorti hekk kif diversament presjeduta avazat li tordna l-isfilz ta’ l-affidavit. Il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Gunju 2000 ghall-kontinwazzjoni.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-2 ta’ Gunju 2000

fejn il-kawza giet differita ghas-7 ta' Novembru 2000 sabiex tinstema' quddiem il-Qorti kif illum attwalment presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif illum presjeduta tas-7 ta' Novembru 2000 a fol 162 fejn deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-attur prezenti u li nforma l-Qorti li <u>miet il-konvenut fil-mori tal-kawza</u>. Il-kawza giet differita ghall-legittimazzjoni ta' l-atti ghat-12 ta' Dicembru 2000; tat-12 ta' Dicembru 2000; tat-23 ta' Jannar 2001; tas-6 ta' Marzu 2001; tal-24 ta' Mejju 2001; u tal-11 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta' l-atturi pprezentata fis-27 ta' Settembru 2001 a fol 169 tal-process li biha esebew kopja tac-certifikat u tar-ricerka tat-testmenti ta' John Attard u informaw il-Qorti li kienu qed jistennnew l-ezitu ta' proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u dan sabiex jigi esebit stralc tat-testment tal-mejjet konvenut John Attard – (fol. 169 sa fol. 172.)

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta  tal-1 ta' Novembru 2001; u tat-22 ta' Jannar 2002 (fol 174) fejn meta issejhet il-kawza ma deher hadd u peress li l-Qorti nnotat li l-legittimazzjoni ta' l-atti baqghet ma saritx il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta' Anthony Chircop *et* datat 15 ta' Marzu 2002 a fol 175 fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni. Il-Qorti bid-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2002 laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-26 ta' Gunju 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat ir-rikors ta' Anthony Chircop *et* datat 15 ta' Marzu 2002 fejn talab lill-Qorti *a tenur* ta' l-**artikolu 807 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, tordna n-notifika ta' dan ir-rikors lill-werrieta prezuntiva sabiex fi zmien xahar jiddikjaraw jekk hijiex jew humiex bi hsiebha jew bi hsiebhom jkomplu l-kawza u fin-nuqqas il-Qorti  tghaddi biex tahtar kuratur *ad litem* biex dan jirraprezenta l-interessi tal-mejjet fil-kawza

skond l-**artikolu 809 ta' Kap** 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tat id-digriet taghha fl-20 ta' Marzu 2002 fejn ordnat n-notifika lill-werrieta prezuntivi li fi zmien 31 gurnata mid-data tan-notifika ghandhom jindikaw jekk humiex bi hsiebhom ikomplu bil-kawza permezz ta' nota jew att gudizzjarju relattiv u fin-nuqqas ta' tali att mill-werrieta prezuntiva jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-konvenut John Attard kollox kif jidher a fol. 183 tal-process

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 18 ta' April 2002 a fol 184 fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna n-notifika tal-konvenuta permezz ta' Gazetta Lokali flimkien ma' l-affissjoni fl-indirizz indikat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-lokal u fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna laqghet it-talba bid-digiret moghti minnha fid-29 ta' April 2002 (fol.202).

Rat in-notifika tal-konvenuta anke bl-affissjoni fit-3 ta' Mejju 2002 a tergo ta' fol. 186 tal-process.

Rat l-avviz migjub kif mitlub fir-rikors tat-18 ta' April 2002, mahrug fil-Gazetta tal-Gvern tas-7 ta' Mejju 2002 kif tidher a fol 187 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tas-26 ta' Gunju 2002 a fol 188 fejn ma deher hadd u l-kawza giet differita ghall-24 ta' Jannar 2003 ghan-notifika skond id-digriet tad-29 ta' April 2002 fuq rikors ta' l-atturi pprezentat fit-18 ta' April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-24 ta' Jannar 2003, u l-ordni ta' l-istess Qorti tad-9 ta' April 2003, fejn il-kawza giet differita ghall-14 ta' April 2003; tal-4 ta' Gunju 2003; tas-17 ta' Ottubru 2003 (fol 192) fejn deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-attur li nforma lill-Qorti li saru diversi tentattivi inutili biex tigi notifikata bir-rikors li jinsab a fol 178, l-eredi presuntiva Margaret Attard u talab lill-Qorti li tawtorizzah jinnotifikaha bil-proceduri ta' pubblikazzjoni u affissjoni. Il-Qorti laqghet

it-talba fit-termini tal-ligi u l-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 2004; tal-20 ta' Jannar 2004; tat-28 ta' April 2004; u tad-9 ta' Gunju 2004 fejn deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-attur u nforma lill-Qorti li l-proceduri ghan-notifika ta' Margaret Attard ghadha pendenti. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Ottubru 2004 ghan-notifika.

Rat in-nota ta' l-attur datata 31 ta' Awissu 2004 a fol 196 tal-process li biha esebixxa kopja ta' estratt ta' zewg gazzetti lokali, wahda bl-Ingliz u l-ohra bil-Malti, u dan ghall-finijiet tan-notifika tad-digriet tad-29 ta' April 2002. Gew esebiti wkoll l-ircevuti ta' hlas ghall-ispejjes ta' l-istess pubblikazzjonijiet kollox kif jidher minn fol 197 sa fol 200 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-20 ta' Ottubru 2004; tal-24 ta' Novembru 2004: u tal-1 ta' Frar 2005 (fol 203) fejn deher Dr. Peter Borg Costanzi u irrileva li n-notifika bl-affissjoni saret u tinsab a fol 186 tal-process. Il-Qorti hekk kif kienet presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri iddecretat li peress li l-eredi presuntiva Margaret Attard tinsab notifikata bir-rikors a fol 178 tal-process u peress li ma pprezentatx risposta ghall-istess, innominat kuraturi *ad litem* dawk li messhom t-turn li dak in-nhar kienu Dr Anthony Cutajar u PL Louisa Tufigno u ordnat li tigi segwita l-procedura fl-**artikolu 809 tal-Kap 12.** Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Marzu 2005 ghal dan l-iskop; tas-16 ta' Marzu 2005 fejn deher Dr. Peter Borg Costanzi. Il-Qorti irrelevat li ghadha ma saritx il-proceduri tal-Bandi u ghalhekk ordnat il-hrug tal-Bandi skond il-ligi u dan prevja l-konferma tal-kuraturi tal-lista. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Mejju 2005; tat-13 ta' Mejju 2005; tad-9 ta' Gunju 2005; u tal-21 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk attawlment presjeduta tal-11 ta' Jannar 2006 a fol 208 tal-process fejn deher Dr. Peter Borg Costanzi ghall-attur. Il-konvenut u d-difensur tieghu ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti innotat li l-kawza ilha pendenti minn 1994. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba biex jigu

notifikati l-kuraturi deputati ghas-7 ta’ Marzu 2006; u tas-7 ta’ Marzu 2006 (fol 209) fejn meta issejhet il-kawza ma deher hadd u l-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta’ Anthony Chircopipprezentat fir-Registru Superjuri fl-24 ta’ Marzu a fol 210 fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza taht dawk il-provvedimenti xierqa u oppurtuni. Il-Qorti rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Marzu 2006 ghall-istess rikors, fejn laqghet it-talba u irriappuntat il-kawza ghas-smiegh u finali trattazzjoni ghas-17 ta’ Mejju 2006.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Mejju 2006 a fol tal-process fejn dehru Dr. Peter Borg Costanzi ghall-atturi u Dr. Kenneth Cutajar bhala kuratur fuq indikat u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-31 ta’ Mejju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’din il-kawza l-atturi huma s-sidien tal-fond “Villino Chircop" Triq l-Kukkanja, Santa Venera filwaqt li l-konvenuti huma propjetarji tal-fond attigwu numru 7, Triq il-Kukkanja, Santa Venera. L-atturi qed jallegaw li fuq il-bejt taghhom il-konvenut jew il-konvenuti ghaddew *wires*/ventijiet ghall-*aerial* tat-*television* tieghu u kanen ta’ l-ilma u *wires/cables* fuq il-wicc tal-hajt divizorju u anke qieghed tank ta’ l-ilma li parti minnu qieghed fuq il-hajt divizorju u li l-konvenut jew konvenuti interpellati biex inehhu ma nehhewx; apparti dan l-atturi allegaw li l-konvenut irrenda komuna parti mill-hajt divizorju li kien gie kostruwit mill-atturi izda meta gie mitlub biex jikkompensa lill-atturi l-ammont ta’ LM50.79 ghall-istess baqa' inadempjenti; fl-ahharnett sostnew li l-hitan divizorji fuq l-livell tal-bejt m'humiex fil-gholi stipulat fil-ligi u ghalhekk l-istess atturi talbu sabiex il-konvenuti jigu ikkundannati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jnehhu mill-arja u propjeta’ ta’ l-atturi *wires*/ventijiet ghall-

*aerial* tat-*television* u l-kanen ta' l-ilma kif wkoll jnehhu minn fuq il-hajt divizorju t-tank ta' l-ilma kif wkoll il-*wires* u *cables* li ghaddejin minn fuqu u fin-nuqqas tawtorizza lill--atturi li jaghmlu l-istess ghas-spejjez ta' l-istess konvenuti u dan taht id-direzzjoni ta' periti nominandi; tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' LM50.79 rapprezentanti kumpens talli rrenda komuni parti mill-hajt divzorju ghar-ragunijijet premessi; tawtorizza lill-atturi li jghollu l-hitan li jiddividu l-propjeta' ta' l-atturi u dik tal-konvenut jigu mibnijin sal-gholi stipulat fil-ligi u dan ghas-spejjez ugwali taz-zewg kontendenti u dan taht opra ta' periti nominandi. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Illi l-konvenuti kkontestaw dawn l-allegazzjonijiet kollha pero' wara li ezaminat il-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici giet ippruvata mix-xhieda ta' l-attur innifsu li pprova li kien huwa li bena l-ewwel l-fond tieghu u wkoll li wara kien sar il-bini tal-konvenut, li *in verita'* kien akkwistah minn Robert Scott, u fil-fatt l-imsemmi Robert Scott u Edward Vassallo kkonfermaw l-pretesjoni attrici f'dan ir-rigward. Dwar l-ewwel talba dan jinsab ukoll ikkorroborat minn ritratti esebiti mill-attur bhala Dok. "R 2" sa "R 8" tal-process u wkoll minn skizz relattiv esebit ukoll a fol. 59 tal-process. Mhux hekk biss izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-istess allegazzjonijiet attrici jinsabu wkoll ammessi mill-konvenut fil-kontro-ezami tieghu tad-19 ta' Mejju 1998 fejn huwa stess jammetti li ghamel dawn il-hwejjeg kollha fuq il-proprjeta' ta' l-atturi minghajr il-kunsens taghhom u il-Qorti taghmel riferenza wkoll fol. 136 u 137 tal-process. B'hekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni talba din tirrizulta wkoll li giet ippruvata u l-istess konvenut jew konvenuti ghamlu uzu mill-hajt ta' l-appogg mibni mill-atturi u ghalhekk l-ammont hemm indikat jidher gustifikat u ma hemm ebda provi a kuntrarju ta' l-istess. L-allegat kuntratt *da parte* tal-konvenut fejn sostna, li meta xtara huwa kellhu indikat li ma kellu x'jaqsam xejn ma l-appoggi qatt ma gie esebit u dan apparti li jidher li kien il-konvenut innifsu li ghamel uzu mill-hajt ta' l-appogg mibni mill-atturi u mertu tal-kawza

odjerna u ghalhekk anke din it-tieni talba ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tielet talba jidher ukoll li din ghandha tigi milqugha abbazi ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 427 tal-Kap 16** sa l-gholi hemm indikat u a spejjez taz-zewg partijiet.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti *stante* li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u taht is-sorveljanza u d-direzzjoni tal-perit tekniku A.I.C. Mario Cassar, li qed jigi hawn nominat a spejjez tal-konvenuti, jnehhu mill-arja u proprjeta' ta' l--atturi *wires*/ventijiet ghall-*aerial* tat-*television* u l-kanen ta' l-ilma kif wkoll jnehhu minn fuq il-hajt divizorju t-tank ta' l-ilma kif wkoll il-*wires* u *cables* li ghaddejjin minn fuqu, u fin-nuqqas li dan issir mill-konvenuti fit-terminu qasir u perentorju hawn prefiss, din il-Qorti qed tawtorizza lill--atturi li jaghmlu l-istess xogholijiet sabiex jitnehhew l-istess oggetti hawn elenkati minn fuq il-bejt u l-proprjeta' ta' l-atturi ghas-spejjez ta' l-istess konvenuti u dan dejjem taht id-direzzjoni ta' perit arkitett Mario Cassar li qed jigi hawn nominat ukoll a spejjez tal-konvenuti.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' LM50.79 rapprezentanti kumpens talli rrendew komuni parti mill-hajt divizorju ghar-ragunijiet hawn decizi.

3. Tawtorizza lill-atturi sabiex dejjem taht is-sorveljanza u d-direzzjoni tal-perit tekniku A.I.C. Mario Cassar jghollu l-hitan li jiddividu l-propjeta' ta' l-atturi u dik tal-konvenut u dawn jigu mibnijin sal-gholi stipulat fil-ligi skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 427 tal-Kap 16** u dan ghasspejjez ugwali taz-zewg kontendenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti hlief ghal dawk indikati in forza tat-tielet talba attrici li kif deciz jibqghu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------